DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2235** **12. 10. 2012**

**XOGĦLIJIET FIĊ-ĊIMITERJU SANTA MARIJA ADDOLORATA**

Id-Direttur għas-Saħħa Ambjentali jgħarraf li mill-20 t' Ottubru sal-10 ta' Novembru 2012, iż-żewġ dati inklużi, m'huwiex permess li jsir l-ebda trasport ta' katavri, twaħħil ta' monumenti ġodda, tiswija, tindif jew żebgħa ta' kappelli u monumenti eżistenti u xogħol ieħor simili fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata u f'ċimiterji oħra tal-Gvern.

Mill-20 t' Ottubru sal-10 ta' Novembru 2012, iż-żewġ dati inklużi, tindif t'oqbra jsir biss meta jkun ser isir dfin u meta ma jkunx hemm post aktar fil-qabar involut. Dan ix-xogħol għandu jsir sad-disgħa ta' filgħodu, iżda mill-31 t' Ottubru sal-4 ta' Novembru, iż-żewġ dati inklużi, m'huwiex permess li jsir tindif t' oqbra.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt